VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 121 tal-2012

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)
Ordni tal-2012 dwar in-Nomina ta' Awtorità Kompetenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel l-Ordni li ġej:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2012 dwar in-Nomina ta' Awtorità Kompetenti.

(2) L-għan ta' dan l-Ordni hu sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament".

Awtorità kompetenti.

2. Il-Kummissjoni Elettorali, stabbilita bl-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija b'dan nominata bħala l-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-Regolament.